# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 249/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**RC**

**vs**

**SC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC, datat 30 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti RC u l-intimat SC izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), u z-zwieg taghhom jinsab registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru elf u tmienja u tletin tas-sena elfejn u hamsa (1038/2005) (Dok. A).*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li jismu DC,, li llum ghandu 12-il sena.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin madwar tmien snin, u sseparaw legalment b'att tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri tal-15 ta' Ottubru 2015 (Dok. B).*

*Illi l-esponenti u zewgha SC huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li*

*ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illi l-intimat dejjem hallas fl-intier tieghu, u puntwalment, il-manteniment shih dovut lill-intimata ghall-bzonnijiet ta binhom, u lanqas ma hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward.*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

a) *Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi Numru X;*

b) *Tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SC, datata 21 ta' Gunju 2019, a fol 13, li taqra hekk:

1. *Illi huwa jaqbel mat-talbiet tar-Rikors imressaq minn RC;*

2. *Illi huwa jinsisti li r-Rikorrenti ghandha tbati l-ispejjez kollha ta' din il-procedura, inkluz tieghu.*

*Daqstabt l-intimat ghandu unur li jwiegeb u jhalli ghas-savju u superjuri gudizzju ta din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RC** xehdet illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Gunju 2005, u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-15 t'Ottubru 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal madwar tmien snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SC** xehed u kkonferma u kkorrobora x-xhieda moghtija mill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

*separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2005 (Vide Dok. A certifikat taz-zwieg fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li ghadu minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri, datat 15 ta' Ottubru 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jinsab sufficjentement pruvat illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici rnexxila tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**